**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 3 ta' Dicembru 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Sean Scicluna**
**VS**
**Gilbert Camilleri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gilbert Camilleri ta' 31 sena, bin Anthony u Mary Grace nee' Falzon, mwieled Pieta' fl-20 ta' Novembru 1983, residenti Flat 2, Papa Piju Tnax, Triq Mountbatten, Hamrun u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 602383M;

> Talli f' dawn il-gzejjer bejn il-11 ta' Novembru 2011 u s-27 ta' Jannar 2013 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, s-omma ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Arriva Malta Ltd u/jew Malta Public Transport liam seomma giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinjata lilu

minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta b'mod sommarju mal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 294, 310(1)(a) tal-Kap 9 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant sentejn priggunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' tmint elef, erba' mija u sitta u tmenin ewro u tletin centezmu (€8,486.30 ) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Art 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**